Qorti Ċivili, Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

**Rikors nuru 897/2024 wara l-mandat ta' arrest ta bastiment bin-numru 1237/2024 fl-ismijiet:**

**Kroll Trustee Services Limited**

**vs**

**Il-Bastiment M/V Jay 2**

23 ta' Settembru, 2024.

1. B'rikors preżentat fit-13 ta' Awissu, 2024 Dr Cedric Mifsud għan-nom tal-kumpannija Degroma Trading Inc ('Degroma') talab it-tħassir tal-mandat eżekuttiv ta' arrest ta' bastiment bin-numru 1237/2024 li kien inħareġ fuq talba ta' Kroll Trustee Services Limited ('Kroll'). B'dak l-att eżekuttiv ġie miżmum il-bastiment m/v Jay 2 (qabel M/V Diamond T). Fid-9 ta' April, 2024 Kroll ippreżentat ittra uffiċjali sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li jikkonsisti f'*First Preferred Marshall Islands Mortgage* skont l-art. 42(4) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) li wara rikors tal-10 ta' Lulju 2024 u digriet tal-11 ta' Lulju 2024 saret korrezzjoni għall-artikolu 42(2) tal-istess liġi.

2. It-talba fir-rikors promotur taqra sabiex *ai termini* tal-art. 281 tal-Kap. 12:

> *"...... tħassar u tirrevoka l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar (10) metri tul bin-numru 1237/2024 fl-ismijiet: Kroll Trustee Services Limited, soċjeta rreġistrata taħt il-liġijiet tal-Ingilterra u Wales bin-numru ta' reġistrazzjoni 10992576 fil-kapaċita tagħha ta' security agent u trustee hekk kif irrappreżentata hawn Malta mill-Avukat Adrian Camilleri ... vs il-Bastiment M/V Jay 2 (IMO 9499371) li ġie reż eżekuttiv ai termini tal-artikolu 838B(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

3. Kroll wieġbet fl-10 ta' Settembru, 2024 u tat ir-raġunijiet għalfejn ir-rikors għandu jiġi miċħud.

4. Għall-finijiet tal-art. 281 tal-Kap. 12, ir-rikorrenti qiegħda ssostni li hi terza persuna interessata. Ir-rikorrenti ssostni li kienet akkwistat il-bastiment M/V Jay 2 billi ħallset il-prezz ta' $9,886,091 lis-sid (Dreter 2 Limited), iżda s-sid ma tahiex il-pussess.

5. Jirriżulta li fuq talba tar-rikorrenti (rikors tad-29 ta' Frar 2024 fl-ismijiet Dr Cedric Mifsud nomine vs il-Bastiment MV Diamond-T, rikors numru 368/2024), il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest kawtelatorju fuq il-bastiment. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hi *ai termini* tal-art. 742B tal-Kap. 12; *"(a) Kull pretensjoni għall-pussess, l-proprjetà jew it-titolu għal jew ta' vapur jew għall-proprjetà ta' xi sehem fih"*. Għalkemm kienet saret talba mill-kumpannjia Goldfinch Shipping 2 Ltd ('Goldfinch') sabiex dak il-mandat jitħassar, il-qorti ċaħdet it-talba b'digriet mogħti fis-6 ta' Mejju 2024 (rikors 293/2024). Madankollu, lill-qorti ma jirriżultalhiex li dak il-mandat ġie segwit b'kawża fil-qrati Maltin.

6. Ir-rikorrenti bdiet proċeduri fl-Ingilterra kontra Dreter 2 Limited (Dreter) bl-ilment ikun li kisret il-kuntratt li hemm bejn il-partijiet, u talbet id-danni. Il-ftehim li r-rikorrenti kellha ma' Dreter kien wieħed ta' *bareboat charterparty* (29 ta' Diċembru 2022), u fir-rigward ta' liema kellha d-dritt li tixtri l-bastiment in kwistjoni (ara klawżola 5.1 tal-ftehim). Ir-rikorrenti ssostni li t-trasferiment tal-bastiment sar billi għamlet *swift transfer* tal-prezz dovut lil Dreter 2 Limited. Fil-proċeduri li bdiet fl-Ingilterra ddikjarat li l-ħlas tal-prezz sar fid-19 ta' Jannar 2024, skont m'hemm dikjarat fil-claim Form (Dok. B mehmuż mar-rikors). Pero' ma ġewx preżentati dokumenti uffiċjali li juru li l-bastiment kien ġie reġistrat bħala proprjeta' ta' Degroma.

7. Min-naħa tagħha Kroll qiegħda tikkontesta li Dreter irċeviet xi ħlas, u f'dan ir-rigward għamlet referenza għad-difiża u kontrotabla li għamlet dik il-kumpannija fil-proċeduri li r-rikorrenti fetħet fl-Ingilterra.

8. Min-naħa l-oħra f'Certificate of Ownership reġistrat f'Marshall Islands jingħad li fil-21 ta' Frar 2024 il-bastiment kien proprjeta tal-kumpannija Goldfinch. Il-qorti fehmet li l-bastiment reġistrat f'Marshall Islands.

9. Bir-rikors oġġett ta' dan id-digriet, ir-rikorrenti qiegħda timpunja l-att eżekuttiv li nħareġ fuq talba ta' Kroll, għaliex qiegħda ssostni li:

   i. L-ittra uffiċjali (1684/2024) sabiex tirrendi eżegwibbli l-*First Peferred Marshall Island Mortgage*, hi difettuża;
   ii. Il-*First Preferred Marshall Island Mortgage*, hi difettuża;
   iii. L-ammont li tippretendi Kroll hu eżaġerat;
   iv. In-negozju li sar bejn Dreter 2 Limited u Goldfinch Shipping 2 Ltd hu frott ta' kollużjoni.

10. Mid-dokumenti jirriżulta li r-relazzjoni li kellha r-rikorrenti kienet ma' Dreter.

11. Kif diga' osservat dak li jirriżulta mill-atti hu li l-bastiment ġie trasferit minn Dreter lil Goldfinch. Fatt ammess mir-rikorrenti, għalkemm fil-proċeduri li hemm pendenti fl-Ingilterra qiegħda ssostni li jidher li dak it-trasferiment sar sabiex jeludi l-jedd tar-rikorrenti biex it-titolu u l-pussess tal-bastiment igħaddu għand ir-rikorrenti.

12. Sallum irriżulta li r-rikorrenti bdiet proċeduri ġudizzjarji biss fil-konfront ta' Dreter, għad-danni minħabba ksur ta' l-obbligu kuntrattwali li tittrasferixxi l-bastiment u tikkonsenja l-pussess tal-bastiment (ara claim Form Dok. B mehmuża mar-rikors). M'hemmx prova li fetħet xi kawża kontra Goldfinch, Kroll, jew il-bastiment sabiex timpunja t-trasferiment li Dreter għamlet lil Goldfinch. Lanqas m'hemm xi prova li t-titlu tal-bastimet ġie reġistrat f'isem ir-rikorrenti qabel it-titolu ta' Goldfinch.

13. Il-mandat kawtelatorju ta' arrest tal-bastiment li nħareġ fuq talba tar-rikorrent u li ma jirriżultax li ġie segwit b'kawża, ma jistax iservi sabiex timpunja t-titolu eżekuttiv u l-att eżekuttiv li nħareġ fuq talba ta' Kroll.

14. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'hijiex tal-fehma li r-rikorrenti għandha jedd li b'din il-proċedura timpunja l-mandat ta' bastiment eżekuttiv li nħareġ fuq talba ta' Kroll.

15. <u>F'kull każ</u>, il-qorti m'hijiex konvinta li hemm xi difett fl-ittra uffiċjali li biha Kroll irrendiet eżewġibbli t-titolu eżekuttiv. Dwar l-allegat kollużjoni bejn Dreter u Goldfinch, dik m'hijiex materja li tista' tiġi mistħarrġa f'din il-proċedura speċjali, fejn l-imsemmija kumpanniji lanqas m'huma parti u liema materja semmai trid tiġi mistħarrġa f'kawża u mhux f'din il-proċedura speċjali li min-natura tagħha hi

sommarja. Hekk ukoll dwar l-ilment tar-rikorrenti li l-ammont li Kroll talbet hu eżaġerat, il-fatt jibqa' li kif ser jingħad hawn taħt *prima facie* Kroll għandha ipoteka navali għal dak l-ammont mogħti lilha minn Goldfinch. M'hemmx prova li r-rikorrenti fetħet kawża kontra Goldfinch jew Kroll, jew li hi stess għandha xi pretensjoni privileġġata fuq il-bastiment.

16. L-istess jingħad dwar l-ilment li l-ipoteka navali li għandha Kroll hi difettuża. Hu minnu li mill-atti jidher li l-ipoteka navali ingħatat minn Goldfinch lil Kroll fid-9 ta' Frar 2024, data li fiha Goldfinch kienet għadha m'hijiex sid tal-bastiment. Pero' mill-atti jidher li l-ipoteka navali ġiet reġistrata fil-21 ta' Frar 2024, data li fiha Goldfinch akkwistat il-bastiment mingħand Dreter. Fid-dokument Certificate of Ownership and Encumbrance maħruġ mill-uffiċċju tal-Matrime Administrator ta' Marshall Islands jingħad li l-ipoteka navali ġiet reġistrata miegħu fil-21 ta' Frar 2024 fl-uffiċċju ċentrali tal-Maritime Administrator. Dan apparti li Kroll ippreżentat ukoll opinjoni legali li tikkonferma li:

i. L-ipoteka navali kienet reġistrata fir-reġistru tal-bastimenti ta' Marshall Islands fil-21 ta' Frar 2024;
ii. L-uffiċċju tal-Amministratur f'Marshall Islands hu reġistru pubbliku;
iii. L-ipoteka navali hi dikjarat fis-Certificate of Ownership and Encumbrance;
iv. Taħt il-liġijiet tal-Marshall Islands dik l-ipoteka navali għandha status preferenzjali.

17. Għal dawn ir-raġunijiet ukoll it-talba tar-rikorrenti hi mingħajr bażi.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Anthony Ellul.
Imħallef.

**Email**: Dr Cedric Mifsud għal-Degroma u Dr Louis Cassar Pullicino għal Kroll.